



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Strasburgu, 4 ta' Lulju 2018  
(OR. en)**

**2017/0256 (COD)  
LEX 1815**

**PE-CONS 16/1/18  
REV 1**

**CODIF 9  
MI 184  
UD 58  
ECO 27  
CODEC 930**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
DWAR STATISTIKA TA' TRASPORT TA' MERKANZIJA  
MINN PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI  
(KODIFIKAZZJONI)**

**REGOLAMENT (UE) 2018/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-4 ta' Lulju 2018**

**dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni**

**(kodifikazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> ġie emendat kemm-il darba<sup>2</sup> b'mod sostanzjali. Fl-interessi taċ-ċarezza u razzjonalità, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġu kkodifikat.
- (2) Il-passaġġi fuq l-ilma interni huma parti importanti mir-retikolat ta' trasport tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni huwa wieħed mill-għanijiet tal-politika komuni tat-trasport, kemm għal raġunijiet ta' effiċjenza ekonomika kif ukoll għattnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija u ta' l-impatt ambjentali fit-trasport.
- (3) Il-Kummissjoni teħtieġ statistika rigward it-trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni sabiex tissorvelja u tiżviluppa politika komuni tat-trasport, kif ukoll l-elementi relatati mat-trasport fil-politika dwar ir-reġjuni u r-retikolati trans-Ewropej.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-6 ta' Settembru 2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1).

<sup>2</sup> Ara Anness VII.

- (4) L-istatistika Ewropea dwar il-modi kollha tat-trasport għandha tinġabar skont kunċetti u standards komuni, bil-għan li tinkiseb l-aktar komparabbiltà prattikabbli bejn modi ta' trasport.
- (5) It-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni ma jokkorrix fl-Istati Membri kollha u, għalhekk, l-effett ta' dan ir-Regolament huwa limitat għal dawk l-Istati Membri fejn jeżisti dan il-mod ta' trasport.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jipprovdi qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet stipulati b'dan ir-Regolament.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistiċi tal-Komunità u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (7) Sabiex jitqiesu t-tendenzi ekonomiċi u tekniċi u l-bidliet fid-definizzjonijiet adottati f'livell internazzjonali, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar ta' dan ir-Regolament sabiex il-livell limitu jogħla għal aktar minn 1 000 000 tonnellata għal kopertura statistika tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, biex jiġu adattati d-definizzjonijiet jew jiġu previsti definizzjonijiet ġodda, kif ukoll biex jiġu adattati l-Annessi għal dan ir-Regolament biex jiġu riflessi bidliet fil-kodiċi u n-nomenklatura f'livell internazzjonali jew fl-atti legiſlattivi rilevanti tal-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' thejġija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1</sup>. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat ta' gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati.
- (8) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

---

<sup>1</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (9) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tadotta arranġamenti għat-trasmissjoni tad-*data*, inkluż standards għall-iskambjar tad-*data*, għad-disseminazzjoni tar-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat) u wkoll biex tiżviluppa u biex tippubblika rekwiżiti u kriterji metodoloġiċi mfassla biex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* prodotta. Jenħtieġ li dawg is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (10) Huwa neċessarju li l-Kummissjoni tagħmel arranġamenti għal studji pilota li għandhom jitwettqu dwar id-disponibbiltà ta' *data* statistika li tirrigwarda t-trasport ta' passiġġieri minn passaġġi fuq l-ilma interni, inklużi bis-servizzi tat-trasport transkonfinali. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-ispejjeż biex isiru dawn l-istudji pilota. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jieħdu l-forma ta' għotjiet lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

- (11) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' standards komuni ta' statistika li jippermettu l-produzzjoni ta' *data* armonizzata ma jistax jinkiseb b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala ta' dak il-ħolqien, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

### *Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea li tikkonċerna t-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

## *Artikolu 2*

### *Kamp ta' Applikazzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* relatata mat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni fit-territorju nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni (Eurostat) .
2. L-Istati Membri li fihom il-volum totali ta' merkanzija trasportata fis-sena minn passaġġi fuq l-ilma interni bħala trasport nazzjonali, internazzjoni jew ta' tranżitu ikun aktar minn 1 000 000 tunnellata metrika għandhom jipprovdu d-*data* msemmija fl-Artikolu 4(1).
3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri li ma għandhomx trasport internazzjonali jew ta' tranżitu minn passaġġi fuq l-ilma interni iżda li fihom il-volum totali ta' merkanzija trasportata fis-sena mill-passaġġi fuq l-ilma interni bħala trasport nazzjonali jkun aktar minn 1 000 000 tunnellata metrika għandhom jipprovdu biss id-*data* meħtieġa taħt l-Artikolu 4(2).

4. Dan ir-Regolament ma' għandux japplika għal:
- (a) trasport ta' merkanzija permezz ta' bastimenti b'kapaċità massima ta' ġarr ta' anqas minn 50 tunnellata metrika;
  - (b) bastimenti użati prinċipalment għat-trasport ta' passiġġieri;
  - (c) bastimenti użati bħala tragetti;
  - (d) bastimenti użati biss għal skopijiet li mhumiex kummerċjali minn amministrazzjonijiet ta' portijiet u awtoritajiet pubbliċi;
  - (e) bastimenti użati biss għall-bunkering jew għall-ħżin;
  - (f) bastimenti li mhumiex użati għat-trasport ta' merkanzija, bħal bastimenti tas-sajd, bastimenti tat-tħammil, postijiet tax-xogħol fuq l-ilma, battelli ta' abitazzjoni u dgħajjes ta' rikreazzjoni.
5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 dwar l-emendar tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu sabiex jiżdied il-livell limitu għall-kopertura statistika tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni msemmi hemm b'mod li jittieħed kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi.

Meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika debitament l-azzjonijiet statistiċi previsti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn adatt, ta' analiżi tal-kosteffettività, inkluża valutazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 14(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

### *Artikolu 3*

#### *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “passaġġi fuq l-ilma interni navigabbli” tfisser medda ta' ilma, li ma tkunx parti mill-baħar, li permezz ta' karatteristiċi naturali jew magħmulin mill-bniedem, hija adatta għan-navigazzjoni, primarjament permezz ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;
- (b) “bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser inġenju li jżomm f'wiċċ l-ilma maħsub għat-trasport ta' merkanzija jew għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri, li jinnaviga primarjament f'passaġġi fuq l-ilma interni navigabbli jew minn passaġġi ġo, jew ma' maġenb fil-qrib, ta' ilmiġiet jew żoni kennija fejn japplikaw ir-regolamenti tal-portijiet;
- (c) “nazzjonalità tal-bastiment” tfisser il-pajjiż fejn ikun reġistrat il-bastiment;

- (d) “trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser kwalunkwe moviment ta' merkanzija u/jew passigieri permezz ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jsir kollu kemm hu jew parzjalment f'passaġġi fuq l-ilma interni navigabbli;
- (e) “trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni nazzjonali” tfisser trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni bejn żewġ portijiet ta' territorju nazzjonali irrispettivament min-nazzjonalità tal-bastiment;
- (f) “trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni internazzjonali” tfisser trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni bejn żewġ portijiet f'territorji nazzjonali differenti;
- (g) “trasport ta' tranżitu fuq passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni minn territorju nazzjonali bejn żewġ portijiet li t-tnejn ikunu jinsabu f'territorju nazzjonali ieħor jew f'territorji nazzjonali oħra, sakemm matul il-vjaġġ kollu got-territorju nazzjonali ma jkunux hemm trasbord;
- (h) “traffiku fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni” tfisser kwalunkwe moviment ta' bastiment fuq passaġġ speċifiku fuq l-ilma intern navigabbli.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10 rigward l-emenda tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu biex jiġu adattati d-definizzjonijiet li jinsabu hemm jew jiġu previsti definizzjonijiet ġodda sabiex jittieħed kont tad-definizzjonijiet rilevanti emendati jew adottati fil-livell internazzjonali.

Meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika debitament l-azzjonijiet statistiċi previsti f' dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn adatt, ta' analiżi tal-kosteffettività, inkluża valutazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 14(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

#### *Artikolu 4*

##### *Ġbir ta' data*

1. *Id-data* għandha tinġabar skont it-tabelli stabbiliti fl-Annessi I sa IV.
2. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 2(3) *id-data* għandha tinġabar skont it-tabella stabbilita fl-Anness V.
3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-merkanzija għandha tkun klassifikata skont l-Anness VI.
4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10, rigward l-emendar tal-Annessi biex jiġu riflessi bidliet fil-kodiċi u n-nomenklatura fil-livell internazzjonali jew fl-atti legiſlattivi rilevanti tal-Unjoni.

Meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika debitament l-azzjonijiet statistiċi previsti f' dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn adatt, ta' analiżi tal-kosteffettività, inkluża valutazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

#### *Artikolu 5*

#### *Studji pilota*

1. Sat-8 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa il-metodoloġija xierqa għall-ġbir tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inklużi bis-servizzi tat-trasport transkonfinali.
2. Sat-8 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tniedi studji pilota volontarji li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri li jipprovdu *data* fl-ambitu ta' dan ir-Regolament dwar id-disponibbiltà ta' *data* statistika li tirrigwarda t-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inklużi bis-servizzi tat-trasport transkonfinali. Dawk l-istudji pilota għandu jkollhom l-għan li jivvalutaw il-fattibbiltà ta' dak il-ġbir ta' *data* ġdida, l-ispejjeż tal-ġbir tad-*data* relatati u l-kwalità statistika implikata.

3. Sat-8 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' tali studji pilota. Skont ir-riżultati ta' dak ir-rapport, u f'perijodu raġonevoli, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk ikun xieraq, proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi emendat dan ir-Regolament fir-rigward tal-istatistika dwar it-trasport tal-passiġġieri fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inklużi bis-servizzi tat-trasport transkonfinali.
4. Il-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu, fejn xieraq u b'kont meħud tal-valur miżjud tal-Unjoni, jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' dawk l-istudji pilota.

#### *Artikolu 6*

#### *Trasmissjoni ta' data*

1. It-trasmissjoni tad-*data* għandha sseħħ malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħames xhur mit-tmiem tal-perjodu relevanti ta' osservazzjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw l-arranġamenti għat-trasmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), inklużi standards għall-iskambjar tad-*data*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

## *Artikolu 7*

### *Tixrid*

L-istatistika Ewropea bbażata fuq id-*data* msemija fl-Artikolu 4 għandha tkun imxerrda bi frekwenza simili għal dik stipulata għat-trasmissjoni ta' *data* mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw l-arranġamenti għat-tixrid tar-riżultati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 11(2).

## *Artikolu 8*

### *Kwalità tad-data*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw ir-rekwiżiti u l-kriterji metodoloġiċi mfassla sabiex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* prodotta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 11(2).
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-*data* trasmessa.
3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-*data* trasmessa. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport li jkun fih tali informazzjoni u *data* li jstgħu jiġu mitluba minnha sabiex tivverifika l-kwalità tad-*data* trasmessa.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità li għandhom jiġu applikati għad-*data* li għandha tiġi trasmessa huma dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw l-arranġamenti dettaljati, l-istruttura, il-perjodiċità u l-elementi ta' komparabbiltà għar-rapporti tal-kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

### *Artikolu 9*

#### *Rapporti dwar l-implimentazzjoni*

Sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar żviluppi futuri.

F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tieġu kont tal-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Istati Membri dwar titjib potenzjali u dwar il-ħtiġijiet tal-utenti. B'mod partikolari, dak ir-rapport għandu jivvaluta:

- (a) il-benefiċċji għall-Unjoni, għall-Istati Membri u għall-fornituri u l-utenti tal-informazzjoni statistika, tal-istatistika prodotta, meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom;
- (b) il-kwalità tad-*data* trasmessa u l-metodi użati għall-ġbir tad-*data*.

*Artikolu 10*  
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f' dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(5), fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 4(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-7 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi , ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni lil tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f' data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat bis-saħħa tal-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### *Artikolu 11*

#### *Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 12*

*Tħassir*

Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 huwa b'dan imħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII .

*Artikolu 13*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX I

Tabella I1. Merkanzija ttrasportata skont it-tip ta' merkanzija ( <i>data annwali</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	“I1”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 <sup>1</sup>	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 <sup>1</sup>	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = tranżitu	
Tip ta' merkanzija	2-karattri numeriċi	NST 2007	
Tip ta' imballaġġ	1-karattru numeriku	1 = merkanzija f'kontejners 2 = merkanzija mhux f'kontejners u kontejners vojta	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km

<sup>1</sup> Meta kodiċi reġjonali ma jkunx magħruf jew ma jkunx disponibbli, għandha tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:

- “NUTS0 + ZZ” meta l-kodiċi NUTS ikun jeżisti għall-pajjiż sieħeb.
- “Il-kodiċi ISO + ZZ” meta l-kodiċi NUTS ma jkunx jeżisti għall-pajjiż sieħeb.
- “ZZZZ” meta l-pajjiż sieħeb ikun kompletament mhux magħruf.

## ANNEX II

Tabella III. Trasport skont in-nazzjonalità tal-bastiment u skont it-tip ta' bastiment ( <i>data annwali</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	3-karattri alfanumeriċi	“II1”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 <sup>1</sup>	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 <sup>1</sup>	
Tip ta' trasport	1-karattru alfabetiku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = tranżitu	

<sup>1</sup> Meta l-kodiċi reġjonali ma jkunx magħruf jew ma jkunx disponibbli, għandha tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:

- “NUTS0 + ZZ” meta l-kodiċi NUTS ikun jeżisti għall-pajjiż sieħeb.
- “II-kodiċi ISO + ZZ” meta l-kodiċi NUTS ma jkunx jeżisti għall-pajjiż sieħeb.
- “ZZZZ” meta l-pajjiż sieħeb ikun kompletament mhux magħruf.

Tabella II1. Trasport skont in-nazzjonalità tal-bastiment u skont it-tip ta' bastiment ( <i>data annwali</i> )			
Tip ta' bastiment	1-karattru numeriku	1 = barkun immotorizzat 2 = barkun mhux immotorizzat 3 = barkun tat-tanker immotorizzat 4 = barkun tat-tanker mhux immotorizzat 5 = bastimenti oħrajn li jgħorru l-merkanzija 6 = bastiment marittimu	
Nazzjonalità tal-bastiment	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) <sup>1</sup>	
Tunnellati ttrasportati			Tunnellati
Tunnellati-Km			Tunnellati-Km

Tabella II2. Traffiku tal-bastimenti ( <i>data annwali</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	3-karattri alfanumeriċi	“II2”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżiti) 3 = tranżitu	

<sup>1</sup> Meta kodiċi NUTS ma jkunx jeżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, għandu jiġi rrapportat il-kodiċi ISO nazzjonali. Meta n-nazzjonalità tal-bastiment ma tkunx magħrufa, il-kodiċi li għandu jintuża huwa “ZZ”.

Tabella II2. Traffiku tal-bastimenti ( <i>data annwali</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Numru ta' movimenti ta' bastimenti mgħobbija			movimenti tal-bastimenti
Numru ta' movimenti ta' bastimenti vojta			movimenti tal-bastimenti
Bastiment -Km (bastimenti mgħobbija)			bastiment-km
Bastiment-Km (bastimenti vojta)			bastiment-km

NOTA: Il-provvediment tat-Tabella II2 mhux obligatorju.

---

### ANNEX III

Tabella III1. Trasport tal-kontejners skont it-tip ta' merkanzija ( <i>data annwali</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	4-karattri alfanumeriċi	“III1”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Pajjiż/reġjun tat-tagħbija	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 <sup>1</sup>	
Pajjiż/reġjun tal-ħatt	4-karattri alfanumeriċi	NUTS2 <sup>1</sup>	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = tranżitu	
Daqs tal-kontejner	1-karattru numeriku	1 = 20' unitajiet ta' tagħbija 2 = 40' unitajiet ta' tagħbija 3 = unitajiet ta' tagħbija > 20' u < 40' 4 = unitajiet ta' tagħbija > 40'	

<sup>1</sup> Meta l-kodiċi regionali ma jkunx magħruf jew ma jkunx disponibbli, għandha tintuża l-kodifikazzjoni li ġejja:

- “NUTS0 + ZZ” meta l-kodiċi NUTS ikun jeżisti għall-pajjiż sieħeb.
- “Il-kodiċi ISO + ZZ” meta l-kodiċi NUTS ma jkunx jeżisti għall-pajjiż sieħeb.
- “ZZZZ” meta l-pajjiż sieħeb ikun kompletament mhux magħruf.

Tabella III1. Trasport tal-kontejners skont it-tip ta' merkanzija ( <i>data annwali</i> )			
Status tat-tagħbija	1-karattru numeriku	1 = kontejners mgħobbija 2 = kontejners vojta	
Tip ta' merkanzija	2-karattri numeriċi	NST 2007	
Tunnellati ttrasportati			tunnellati
tunnellati-km			tunnellati-km
TEU			TEU
TEU-km			TEU-km

## ANNEX IV

Tabella IV1. Trasport skont in-nazzjonalità tal-bastimenti ( <i>data ta' kull tliet xhur</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	3-karattri alfanumeriċi	“IV1”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Kwart ta' sena	2-karattri numeriċi	41 = l-1 kwart 42 = it-2 kwart 43 = it-3 kwart 44 = ir-4 kwart	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = tranżitu	
Nazzjonalità tal-bastiment	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) <sup>1</sup>	
Tunnellati ttrasportati			tunnellati
Tunnellati-km			tunnellati-km

<sup>1</sup> Meta l-kodiċi NUTS ma jkunx jeżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, għandu jiġi rrapportat il-kodiċi ISO nazzjonali. Fejn in-nazzjonalità tal-bastiment ma tkunx magħrufa il-kodiċi li għandu jintuża huwa “ZZ”.

Tabella IV2. Trasport bil-kontejner skont in-nazzjonalità tal-bastimenti ( <i>data ta' kull tliet xhur</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	3-karattri alfanumeriċi	“IV2”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Kwart tas-sena	2-karattri numeriċi	41 = l-1 kwart 42 = it-2 kwart 43 = it-3 kwart 44 = ir-4 kwart	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = tranżitu	
Nazzjonalità tal-bastiment	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali) <sup>1</sup>	
Status tat-tagħbija	1-karattru numeriku	1 = kontejners mgħobbija 2 = kontejners vojta	
Tunnellati ttrasportati			tunnellati
Tunnellati-km			tunnellati-km
TEU			TEU
TEU-km			TEU-km

<sup>1</sup> Meta l-kodiċi NUTS ma jkunx jeżisti għall-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-bastiment, għandu jiġi rrapportat il-kodiċi ISO nazzjonali. Fejn in-nazzjonalità tal-bastiment ma tkunx magħrufa il-kodiċi li għandu jintuża huwa “ZZ”.

## ANNEX V

Tabella V1. Trasport ta' merkanzija ( <i>data annwali</i> )			
Elementi	Kodiċi	Nomenklatura	Unità
Tabella	2-karattri alfanumeriċi	“V1”	
Il-Pajjiż tar-rappurtar	2-karattri alfabetiċi	NUTS0 (kodiċi nazzjonali)	
Sena	4-karattri numeriċi	“ssss”	
Tip ta' trasport	1-karattru numeriku	1 = nazzjonali 2 = internazzjonali (ħlief it-tranżitu) 3 = tranżitu	
Tip ta' merkanzija	2-karattri numeriċi	NST 2007	
Total ta' tunnellati trasportati			tunnellati
Total ta' tunnellati-km			tunnellati-km

## ANNEX VI

NST 2007	
Diviżjoni	Deskrizzjoni
01	Prodotti ta' l-agrikoltura, tal-kaċċa u tal-forestrija; ħut u prodotti oħra tas-sajd
02	Faħam u lignite; żejt mhux raffinat u gass naturali
03	Metalli mhux maħduma u prodotti oħra tal-minjieri u tal-barrieri; pit; uranju u torju
04	Prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk
05	Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda
06	Injam u prodotti ta' l-injam u tas-sufra (għajr għamara); oġġetti magħmulin mit-tiben u materjal ta' l-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta; materjal stampat u materjal irrekordjat
07	Kokk u prodotti taż-żejt irraffinat
08	Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti tal-plastik; fjuwil nukleari
09	Prodotti oħra minerali li m'humiex metalliċi
10	Metalli bażiċi; prodotti ffabbrikati mill-metall, għajr makkinarju u tagħmir
11	Makkinarju u tagħmir n.e.c.; makkinarju ta' l-uffiċċji u kompjuters, makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; arloġġi
12	Tagħmir ta' trasport
13	Għamara; oġġetti oħra mmanifatturati n.e.c.

NST 2007	
Diviżjoni	Deskriżżjoni
14	Materja prima sekondarja; skart municiċipali u tip ieħor ta' skart
15	Posta, pakketti postali
16	Tagħmir u materjal utilizzat għat-trasport tal-merkanzija
17	Oġġetti trasportati fil-ġarr minn djar u uffiċċji; bagalji trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-tiswija; oġġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c.
18	Merkanzija raggrupjata: taħlita ta' tipi ta' merkanzija li huma ttrasportati flimkien
19	Oġġetti mhux identifikabbli: merkanzija li għal xi raġuni ma tistax tiġi identifikata u għalhekk ma tistax tiġi assenjata lill-gruppi 01–16
20	Oġġetti oħra n.e.c.

## ANNEX VII

### REGOLAMENT IMĦASSAR U ELENKU TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI GĦALIH

Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1)

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 425/2007      L-Artikolu 1 biss

(ĠU L 103, 20.4.2007, p. 26)

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2007      L-Artikolu 4 biss

(ĠU L 290, 8.11.2007, p. 14)

Regolament (UE) 2016/1954 tal-Parlament Ewropew

u tal-Kunsill

(ĠU L 311, 17.11.2016, p. 20)

---

## ANNEX VIII

### Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1365/2006	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 sa 4	Artikoli 1 sa 4
Artikolu 4a	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 11
Artikolu 11	–
–	Artikolu 12
Artikolu 12	Artikolu 13
Anness A	Anness I
Anness B	Anness II
Anness C	Anness III
Anness D	Anness IV
Anness E	Anness V
Anness F	Anness VI
–	Anness VII
–	Anness VIII